MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 891/2007

**Sammy Borg Enterprises Limited**

**vs**

**Sindku Kunsill Lokali San Gwann**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lil dan it-Tribunal jordna lil Kunsill ta’ San Gwann sabiex ihallasha is-somma ta’ elf, mitejn u tletin lira Maltin (Lm1,230), ekwivalenti ghal elfejn, tmien mija u hamsa u sittin Euro u tlettax-il centezmu (€2,865.13), dovuti lis-socjeta’ attrici bhala xoghol konkluz mis-socjeta’ attrici wara ghoti ta’ *tender* lilhom fil-gbir ta’ skart u *commercial waste* f’San Gwann, u dan wara li l-istess Kunsill intimat naqas milli jhallas anki wara li gie debitament interpellat b’ittra legali tat-12 ta’ Gunju, 2007.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali mid-data tal-avviz.

Ra r-risposta tal-Kunsill, li eccepixxa illi, preliminarjament, ai termini ta' Klawsola 41 tal-kundizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratt ghall-ghoti tas-servizzi indikati mis-socjeta' attrici, kull kwistjoni jew divergenza li tista' tqum bejn il-partijiet in konnessjoni mal-istess kuntratt, ghandha tigi riferita u determinata b'mod finali skont ir-regolamenti dwar l-Arbitragg vigenti f'Malta. Illi dan huwa ukoll rifless fl-Avviz Legali 152 tas-sena 2000.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali San Gwann josserva illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-Kunsill Lokali San Gwann m'ghandu jaghti l-ebda ammont ta' flus lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, il-Kunsill talab lil dan it-Tribunal, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz u dan stante li din il-materja taqa' taht il-kompetenza u gurisdizzjoni eskluzziva tac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta.

Minghajr pregudizzju u fl-eventwalita' li dan it-Tribunal jiddeciedi li jkompli jisma' dawn il-proceduri, jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali.

B'sentenza preliminari datata 12 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni preliminari u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Sammy Borg li jispjega illi kien baghat ittra lis-Sindku tal-Kunsill ta' San Gwann fit-12 ta' Gunju, 2007 fejn talab il-hlas, izda baqa' ma rcieva l-ebda pagament. Ighid ukoll li anqas ma kien ircieva *default notices*. L-ammont li kien qed jitlob, kien anqas minn dak li kien ftehem originarjament. Borg jikkonferma li kellu u ghad ghandu kuntratt ghall-gbir ta' skart mal-Kunsill.

Ra x-xhieda ta' Rene' Savona Ventura li kien jokkupa l-kariga ta' Vici-Sindku fil-Kunsill. Jikkonferma li kien gibed l-attenzjoni lis-Sindku ta' dak iz-zmien, Joe Borg, li kien hemm diversi *skips* kemm fiz-zona A, kif ukoll f'zona B ta'

San Gwann, li kellu *skips* bla pedali u dan meta kienet is-socjeta' attrici li kellha tipproduci *skips* bil-pedali.

Skont il-kuntratt li kien gie ffirmat bejn il-partijiet, kien hemm ukoll stipulat in-*nuisance damages*, fis-sens li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li tnaddaf madwar dawn l-*iskips*.

Kien hemm klawsola ohra li kienet tirrigwarda l-*cleanliness and maintenance of bins on wheels….*

Ix-xhud jispjega illi kien qajjem din il-kwistjoni ta' *skips* minghajr pedali fil-laqgha tal-15 ta' Marzu, 2007 u s-Sindku kien wieghdu li kien ser jiehu hsieb, izda minkejja dan,  kien ghad baqa' *skips* minghajr pedali.

Fil-laqgha tat-28 ta' Mejju, 2007, kien gie deciz, li peress li kien ghad hemm xi bilanci li kienu ghadhom iridu jithallsu lil Sammy Borg Enterprises Limited, inaqsu ghaxra fil-mija (10%) mill-prezz u dan ghaliex l-*iskips* kienu minghajr pedali u f'certi inhawi kienu qed ihallu l-iskart fit-triq.

Ighid ukoll li kien hemm laqgha fil-25 ta' Gunju, 2007, fejn Sammy Borg kien kiteb tramite l-Avukat tieghu, ghaliex kien qed jikkontesta t-tnaqqis mill-korrispettiv. Id-*default notice*, generalment, tinhareg meta l-kuntrattur ma kienx qed jottempera ruhu mal-kuntratt. F'dan il-kaz, id-*default notice*, ma sarx.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Fit-13 ta' Awissu, 2006, bejn is-socjeta' attrici u l-Kunsill Lokali kien sar ftehim ta' gbir ta' skart, kif ukoll biex is-socjeta' attrici tissupplixxi l-*iskips* bil-pedali u tiehu hsieb it-tindif tal-istess *skips*.
.
Din kienet wahda mill-kundizzjonijiet.

Il-Vici Sindku kien innota li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt ghaliex kien hemm diversi

*skips* li ma kellhomx pedali. Kien hemm xi lmenti da parti ta' xi residenti li kien hemm hafna hmieg madwar dawn l-*iskips*.

Dawn il-kwistjonijiet kienu tqajjmu fil-laqghat li kienu jinzammu l-Kunsill u s-Sindku kien gie mgharraf diversi drabi b'dan.

Is-Sindku, prezenti Rene' Savona Ventura, jikkonferma li kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici b'dawn in-nuqqasijiet, f'uhud twahhlu l-pedali, izda ohrajn kienu baqghu minghajr pedali.

Kien hawn li fil-laqgha tat-28 ta' Mejju, 2007 gie deciz li minhabba li s-socjeta' attrici ma kienitx qed tonora l-kuntratt kellu jitnaqqas ghaxra fil-mija (10%) tal-kont tal-flus dovuti lis-socjeta'.

Is-socjeta' attrici rrilevat illi dan ma setax isir da parti tal-Kunsill ghaliex kienu naqsu li jsegwu l-procedura tad-*default notice* li tirrizulta mill-*Council Regulations (Tendering) Procedures,* 1996.

Klawsola 32 tal-istess Regolamenti tghid hekk:-

***"At any time or in after the Commencement Date:-***

***(a) Where the Council Representative is satisfied that in any particular case the contractor has failed to perform the Service in accordance with the Contract Documents the Council Representative shall be entitled to instruct the Contractor in writing to remedy the failure in order to comply fully therewith within such reasonable period as the Council Representative may determine.***

***(b) If the Contractor fails to comply with the instructions of the Council Representative within such time as may have been required by the Council Representative the Council Representative shall be entitled either…………***

***B (i) to record in writing and deliver a written notice of default (hereinafter called a "Default Notice") to the Contractor.***

***(ii) A deduction shall be made by the Council Representative from the monthly installment referred to in these conditions in respect of the default notices in accordance with the following table unless the Council Representative in his absolute discretion decides to the contrary:……"***

Rene' Savona Ventura jammetti li fl-ebda stadju ma kienet intbaghtet xi *default notice*.

Kienu semplicement infurmaw lil Sammy Borg biex jirrimedja s-sitwazzjoni u meta naqas li jaghmel dan, skont kif kien hemm miftiehem fil-kuntratt tieghu, iddecidew li jnaqqsulu ghaxra fil-mija (10%) mill-paga, u dan minghajr ma tawh in-*notice* mehtiega, li kellhom jintbaghtu permezz ta' posta registrata – "***Art.34(c) No notice to be served upon the Contractor shall be valid and have any effect unless it is sent by registered post or delivered by hand to the registered office, principal place of business or to the premises referred to in the Tender documents."***

It-Tribunal jaqbel mas-socjeta' attrici, li l-Kunsill ma setax' jiddeciedi arbitrarjament, kif effettivament gara, li jaqta' l-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici, kif effettivament gara, aktar u aktar meta ma baghtax *default notices.*

Ghalhekk, jirrizulta li l-Kunsill m'applikax ir-Regolamenti kif suppost sabiex jinforma lis-socjeta' attrici bin-nuqqasijiet tieghu u jaghtiha l-opportunita' sabiex tirregola l-posizzjoni taghha u tinstalla l-pedali fuq l-*iskips*, kif kienet originarjament ftehmet.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------